**Bard u ksieħ**

Dan hu t-temp li għandna bħalissa
Fi gżiritna ċkejkna ċkejkna,
Hu temp li jreżżaħ b'dik qawwietu
Nitlob l'Alla ma jkunx ħdejna.
Għax malajr tmur toħroġ xi ħarġa
U timbokka x'imbierek riħ,
U issa li ġejjin il-festi
Malajr taf tibqa' bih.

Mela ħu paċenzja, ilbislu
Tafdax dar-riħ kiesaħ u umduż,
Għax addijo t-tħejjijiet li tagħmel
Jibqa' għaddej, jaf ma jkunx gustuż.
Fittex oħroġ dik il-ġakketta
Ikkorda w beritta xalpa,
Għax la tilbisslu waħda
Mbagħad tista' issalpa.

Ma tagħmilx ħażin jekk int tieħu
Tazza sħuna b'naqra lumi,
Itfagħlha naqra kemxejn għasel
Tinżlilkom tajjeb O ħuti.
Sakemm it-temp jieħu rott'oħra
Tant li jkun ta' min iwa jinsieħ,
Ħalli naqbdu il-paġna l-ġdida
Meħlusa mill-bard w l-ksieħ.

Patri Mario Attard OFM Cap
9 ta' Diċembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.